MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Numru 3/2012

**“Il-Pulizija (Spettur Anthony Portelli)**

**v.**

**Alexia-Margo Calleja Baldassare Perlotti**

**Il-Qorti :**

**1.** Regghet rat in-noti ta’ l-ufficjali tal-*probation* Maria Mifsud u Ivan Sultana tas-16 ta’ Jannar 2012 li bihom ghamlu denunzji fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fejn informaw lil din il-Qorti li l-imsemmijin Alexia-Margo Calleja u Baldassare Perlotti rispettivament ma kinux qeghdin joqoghdu ghad-direttivi moghtija lilhom mill-ufficjali tal-*probation*, naqsu milli jiehdu l-ghajnuna mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga u

mir-*records* tad-Detox irrizulta li ezami ta' kampjuni ta' urina taw rizultat pozittiv ghad-droga eroina;

**2.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-2 ta' Settembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 261, 267, 41 u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabithom hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom, u cioe` talli :

f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer bejn l-1 ta' Lulju 2011 u l-31 ta' Awwissu 2011, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzjoni wahda u cioe:-

(1) Mill-bajja ta' l-Exiles tas-Sliema nhar-id 19 ta' Lulju 2011, f'xi hin wara nofs in-nhar, ikkommettew serq ta' iphone 4, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro u dan sar ghad-dannu ta' Marc Noeske ta' nazzjonalita` Germaniza u/jew persuni ohra;

(2) Gewwa l-Bajja ta' tas-Sliema nhar-it 2 ta' Awwissu 2011, f'xi hin bejn il-11.00 a.m. u nofs in-nhar, ikkommettew serq ta' backpack b'kontenut ta' diversi oggetti fosthom kamera digitali ta' l-ghamla Canon ta' kulur silver, mobile phone tal-ghamla Nokia, flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro u dan ghad-dannu ta' Silvia Martinelli u/jew persuni ohra;

(3) Gewwa l-Bajja ta' l-Ghadira l-Mellieha nhar-is 17 ta' Awwissu 2011, f'xi hin wara nofs in-nhar, ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom mobile phone ta' kulur iswed u silver tal-ghamla E71-1, flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro u dan sar ghad-dannu ta' Pauline Galea u George Camilleri u/jew persuni ohra;

(4) Gewwa l-Bajja ta' tas-Sliema nhar-is 17 ta' Awwissu 2011, f'xi hin bejn is-2.30 p.m. u t-330 p.m., ikkommettew

serq ta’ basket b’kontenut ta mobile phone ta’ l-ghamla iphone 4,5 euro fi flus kontanti u oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro u dan sar ghad-dannu ta’ Vjorn Emanuell Sultana u/jew persuni ohra;

(5) Gewwa l-Bajja ta’ l-Ghadira l-Mellieha nhar-it 23 ta’ Awwissu 2011, f’xi hin bejn il-11.15 a.m. u il-11.30 a.m., ikkommettew serq ta’ basket b’kontenut ta’ diversi oggetti fosthom mobile phone ta’ kulur iswed tal-ghamla Motorola, mobile phone ta’ kulur iswed ta’ l-ghamla Nokia, nuccali tal-vista, flus kontanti, hwejjeg tat-tfal u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro u dan sar ghad-dannu ta’ Francis u Rita Mizzi u/jew persuni ohra;

(6) Gewwa l-Bajja ta’ l-Ghadira l-Mellieha nhar-it 30 ta’ Awwissu 2011, ghal habta tal-11.30 a.m., ikkommettew serq ta’ basket b’kontenut ta’ mobile phone tal-ghamla Samsung Corby, mobile phone ta’ l-ghamla Nokia, nuccalli tax-xemx, 40 fi flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329. 37 euro u dan sar ghad-dannu ta’ Duncan Fenech u Maria Zammit u/jew persuni ohra;

(7) Gewwa l-Bajja tas-Sliema nhar-it 12 ta’ Awwissu 2011, f’xi hin bejn nofs in-nhar u 12.15 p.m., ikkommettew serq ta’ mobile phone ta’ l-ghamla Nokia, mobile phone ta’ l-ghamla Samsung E250V, flus kontanti fost oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro u dan sar ghad-dannu ta’ Catherine Aljasem u/jew persuni ohra;

(8) Gewwa l-Bajja tas-Sliema nhar-it 18 ta’ Awwissu 2011, f’xi hin bejn il-5.55 p.m. u s-6.20 p.m., ikkommettew serq ta’ basket b’kontenut ta’ mobile phone ta’ kulur iswed u silver ta’ l-ghamla Nokia, mobile phone ta’ kulur griz ta’ l-ghamla LG, flus kontanti fost oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifkat bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro u dan sar ghad-dannu ta’ Orlando Ricardo u/jew persuni ohra;

(9) Gewwa l-Bajja Golden Sands, Ghajn Tuffieha nhar-il 31 ta' Awwissu 2011 ghal-habta tal-11.00 a.m. dolozament bil-hsieb li jikkommettu reat, u cioe` dak ta' serq, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, u cioe` ta' serq ta' basket jew basktijiet minn fuq l-imsemmija bajja, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta`
taghhom;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghdet lill-hatja taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tliet snin taht is-segwenti kondizzjonijiet:

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' tliet (3) snin il-*probationers* ghandhom igibu ruhhom tajjeb, joqoghdu ghad-direttivi kollha ta' l-ufficjal tal-*probation* u jzommu dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilhom.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress tal-*probationers* kull sitt xhur.

3. Il-*probationers* ghandhom javzaw immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmlu fl-indirizz residenzjali taghhom.

4. Li ghandhom izommu ruhhom f'kuntatt ma' l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi moghtija lilhom minn zmien ghall-iehor mill-ufficjal tal-*probation* rispettiv taghhom; u partikolarment li huma ghandhom, jekk l-ufficjal tal-*probation* rispettiv taghhom ikun hekk irid, jircievu zjarat ta' l-istess ufficjal tal-*probation*.

**4.** Semghet id-deposizzjoni moghtija mill-ufficjali tal-*probation* Maria Mifsud u Ivan Sultana; rat l-atti kollha tal-kawza; semghet is-sottomissjonijiet; ikkunsidrat:

**5.** Meta l-ufficjali tal-*probation* Maria Mifsud u Ivan Sultana xehdu quddiem din il-Qorti, huma kkonfermaw dak kollu li kienu rrapportaw fid-denunzja taghhom, u cioe` n-nuqqas

li l-*probationers* izommu l-appuntamenti ta' kull gimgha li kienu gew originarjament miftehma, in-nuqqas li jiehdu l-ghajnuna mehtiega minhabba l-problema tad-droga u l-fatt li kampjun ta' l-urina mehud fid-Detox fis-7 ta' Jannar 2012 irrizulta pozittiv ghall-eroina. Fil-mori tal-kaz, pero`, irrizulta illi fi Frar 2012 il-*probationers* tressqu mill-gdid il-Qorti u gew akkuzati b'numru ta' kazijiet ta' serq li ghalihom ma ammettewx. L-ufficjal tal-*probation* Maria Mifsud qalet li hi ltaqghet mal-*probationer* Alexia-Margo Calleja fil-*lock-up* u wriet ix-xewqa li taghmel programm ta' rijabilitazzjoni ta' l-OASI. L-ufficjal tal-*probation* Ivan Sultana qal li hu wkoll iltaqa' mal-*probationer* Baldassare Perlotti fil-*lock-up* u sab li l-motivazzjoni tieghu hija fqira, li "meta ssemmilu affarijiet bhal programm residenzjali jingibed lura".

**6.** Minn dak li qalu l-ufficjali tal-*probation* jidher car illi huma ghamlu dak li setghu sabiex jahdmu mal-*probationers* bl-iskop illi jkunu jistghu jeghlbu l-problema ta' l-abbuz tad-droga. Difatti jidher illi ppruvaw jittrattaw maghhom b'mod intensiv. Sfortunatament dan falla ghax il-*probationers* ma wrew l-ebda motivazzjoni biex jersqu ghar-rijabilitazzjoni li tant jehtiegu. Din il-Qorti wkoll ippruvat taghmel dak li setghet biex tipperswadihom jaghzlu triq differenti minn dik li qabdu. Sfortunatament tidher nieqsa fihom il-motivazzjoni vera. Fil-kaz tal-*probationer* Alexia-Margo Calleja, per ezempju, din il-Qorti mhijiex sodisfatta mill-motivazzjoni taghha galadarba kien meta kienet fil-*lock-up* li semmiet li xtaqet tmur l-OASI. U qabel ma giet arrestata? Fir-rigward tal-*probationer* Baldassare Perlotti mbaghad, ir-reazzjoni tieghu ghas-suggeriment li jaghmel programm residenzjali titkellem wahedha.

**7.** L-iskop tal-*probation* huwa sabiex persuni misjuba hatja ta' xi reat jew reati jinghataw l-ghajnuna mehtiega minn ufficjal tal-*probation* kif ukoll minn professjonisti ohra, skond il-htiega. Meta l-hatja f'dan il-kaz iffirmaw l-ordnijiet tal-*probation* kienu qeghdin jintrabtu li jsegwu l-kondizzjonijiet kollha fl-ordni, fosthom li joqoghdu ghad-direttivi ta' l-ufficjali tal-*probation* u jzommu ruhhom f'kuntatt ma' l-istess ufficjali. Bin-nuqqasijiet taghhom

ghalhekk il-*probationers* urew illi ma kinux lesti li joqoghdu ghall-kondizzjonijiet li huma stess accettaw u ffirmaw ghalihom. Ghalhekk issa jridu jbatu r-riguri tal-ligi. Konsegwentement din il-Qorti m'ghandha l-ebda triq ohra hlief li tittratta mal-*probationers* mill-gdid ghar-reati hawn fuq imsemmija kif jipprovdi l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**8.** Kwantu ghall-piena, din hi ta' prigunerija minn hames xhur sa tliet snin skond l-artikolu 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li, bl-applikazzjoni tal-beneficcju moghti lilhom skond l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta (reat kontinwat) tista' tizdied bi grad ghal seba' xhur sa erba' snin jew b'zewg gradi ghal disa' xhur sa hames snin. Jigifieri l-parametri tal-piena huma minn hames xhur sa hames snin.

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-*probationers* Alexia-Margo Calleja u Baldassare Perlotti kisru l-ordnijiet ta' *probation* tat-2 ta' Settembru 2011, tirrevoka l-istess ordnijiet u tittratta maghhom mill-gdid ghall-imputazzjonijiet (imsemmija fit-tieni (2) paragrafu ta' din is-sentenza) li dwarhom huma kienu tpoggew taht tali ordnijiet daqs li kieku ghadhom kemm gew dikjarati hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward ta' l-imsemmija imputazzjonijiet, wara li rat l-artikoli 18, 261(c), 267, 279(a), 41(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imsemmijin Alexia-Margo Calleja u Baldassare Perlotti ghal prigunerija ghal perijodu ta' tmintax-il xahar kull wiehed u wahda minnhom. Ghal kull bwon fini tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghall-problema ta' droga li ghandhom l-hatja u ghalhekk ghall-htiega li jinghataw l-ghajnuna mehtiega biex jirrijabilitaw ruhhom minn din il-problema.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------